# *KUNSILL LOKALI MARSA*

*Minuti tar-Raba' laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret b'urġenza nhar il-Ħamis 26 ta' April 2012 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fis-Sebgħa w nofs ta' filgħaxija (7.30pm)*

## ***Preżenti***

| | |
|---|---|
| Is-Sur Christopher Spiteri | Sindku |
| Is-Sur Francis Debono | Viċi Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Buħagiar | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Noel Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |

## *1. Talba.*

Is-Sindku s-Sur Christopher Spiteri qal it-talba.

## *2. Deċiżjoni fuq risposta mit-Transport Malta fuq talba tal-Kunsill dwar Triq Patri Feliċjan Bilocca.*

2.1 Is-Sindku ppreżenta l-email li ntbagħatet b'mod formali wara laqgħa li l-Kunsill kellhu llum f'nofsinhar li għaliha kienu preżenti rappreżentanti mit-Transport Malta, l-Kuntrattur u l-Inginier inkarigat mill-proġett. Skont l-email mibutgħha mis-Sur Marc Spiteri f'isem Transport Malta, il-Kunsill ġie nfurmat li l-aktar żmien viċin li Triq Patri Felician Bilocca tista' tingħata l-ewwel saff ta' tarmak huwa, bejn is-16 -17 ta' Mejju, filwaqt li l-proposta l-oħra sabiex din it-triq tiġi miftugħha għall-pubbliku minħabba l-Festa qabel is-16 ta' Mejju hija li minflok tarmak jingħata konkos iżda dan ma jkunx idejali minħabba t-trabijiet li jibqa' jeżisti.

2.2 Is-Sur Noel Scerri qal li s-16 ta' Mejju fl-opinjoni tiegħu hija data li mhux aċċettabbli għal Kunsill iżda xorta ser tgħaddi l-proposta ta' Transport Malta u għaldaqstant il-Kunsill għandu jagħmila ċara li sas-17 ta' Mejju it-Triq trid tkun asfaltata, li r-responsabilta' ta' terżi persuni li jistaw jġarbu xi inċidenti tkun dejjem ir-responsabilta' ta' Transport Malta, l-Għaqdiet tal-Festa jkunu nfurmati b'dan kollhu. Il-Kunsill jipprova jagħmel minn kollox sabiex it-triq titlesta allavolja dan ma jiddependhix mill-istess Kunsill u għandha ssir Press Release fil-media kollha għal benefiċċju tar-residenti kollha.

2.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Debono qal li jaqbel mall-kollega Scerri u żied jgħid li l-Għaqdiet għandhom jiġu nfurmati li l-Kunsill ipprova minn kollox sabiex id-data ta' l-aħħar t'April tkun onorata mit-Transport Malta u t-Triq tkun lesta.

2.4 Is-Sur Josef Azzopardi saqsa jekk ikunx għaqli li l-Kunsill jħejji laqgħa ma l-Għaqdiet biex jiġu nfurmati bl-eżitu tad-dewmien fil-proġett bil-konsegwenza ta' dan l-inkonvenjent li jista' jkollha l-Festa u mbagħad issir Press Conference sabiex jiġi nfurmat il-pubbliku ngenerali. Huwa saqsa dan kollu sabiex il-Kunsill ma jieħux deċiżjonijiet li fl-aħħar mill-aħħar taffettwa l-organizazzjoni tal-Festa.

2.5 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Debono fuq dawn il-kummenti informa lill-Kunsill li l-Għaqdiet u l-istabbilimenti kummerċjali kollha kienu nfurmati bil-proġett u l-Kunsill qed jagħmel dak kollhu possibbli u allura ħadd mhu ser jwaħħal fil-Kunsill għal dan id-dewmien fuq l-asfaltar tat-Triq.

2.6 Is-Sindku s-Sur Christopher Spiteri talab li l-Kunsill jitlob lit-Transport Malta li Triq Patri Felician Bilocca tkun nadifa għal pubbliku waqt iż-żmien tal-Festa u tingħata l-ewwel tarmak kif suppost. Wara din id-diskussjoni u punti li tqajjmu, il-Viċi Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li l-Kunsill ma jaċċettax din id-data tas-16 – 17 ta' Mejju sabiex Triq Patri Felician Bilocca tingħata wiċċ ta' tarmak għaż-żmien tal-Festa ta' Ssma' Trinita' iżda bħala rieda tajba u kompromess id-data stabbilita' mill-Kunsill biex it-Triq tingħata t-tarmak tkun sal-ewwel ġimgħa ta' Mejju. Huwa talab sabiex it-Transport Malta tiġi nfurmata b'mod formali b'din id-deċiżjoni u fl-eventwalita' li din it-talba ma tiġhiex milqugħha l-Kunsill ma jkollhux alternattiva oħra għajr li juża l-mezzi tax-xandir biex juri d-diżapprovazzjoni tiegħu għal dan id-dewmien kollhu fuq il-Proġett meta fil-bidu tal-Proġett it-Transport Malta assigurat lill-Kunsill li sal-Festa din it-triq tkun lesta u ma taffetwa xejn il-preparamenti ta' l-istess Festa. Barra minhekk hu talab lill-Kunsill japprova li l-hawkers jingħataw il-permess għal festa meta titlesta t-Triq imsemmija. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Viċi Sindku talab li l-ismijiet tal-Kunsilliera jitniżżlu skond il-vot meħud. Is-Sindku s-Sur Christopher Spiteri, l-Vici Sindku s-Sur Francis Debono u l-Kunsilliera s-Sur Josef Azzopardi, s-Sur Anthony Buhagiar, s-Sur Joseph Grima, is-Sur Noel Scerri u s-Sur Dominic Spencer ivvotaw favur. Ħadd ma kien kontra.

2.7 Is-Sur Joseph Grima talab jagħmel intervent u qal li l-Kunsill kellu opzjoni oħra li ma għażilhiex li hija dik li jingħata l-konkos minflok tarmak allavolja mhiex idejali.

## 3. ***Approvazzjoni ta' Reklamar għal Festa.***

3.1 Is-Sindku s-Sur Christopher Spiteri ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza mibgħutha mill-Għaqda Mużikali Trinita' Qaddisa fejn talbet lill-Kunsill bħas-snin l-imgħoddija sabiex tagħmel reklam fiż-żmien tal-festa fuq il-kalendarju tagħhom għas-somma ta' mitejn u ħamsin ewro (€250.00). Is-Sindku s-Sur Christopher Spiteri ppropona li l-Kunsill jaċċetta li jagħti dan is-servizz u jsir kif sar is-sena li għaddiet fejn ir-reklam jikkonsisti f'tagħrif lill-pubbliku dwar is-separazzjoni ta' l-iskart. Il-Vici Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

Il-Laqgħa spiċċat fit-tmienja w nofs ta' filgħaxija (8.30pm)

Christopher Spiteri
Sindku

Adrian Attard B.Comm.B.A.(Hons) MBA
Segretarju Eżekuttiv